MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 13/2002/1

**Aldo Micallef**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Frar, 2002 l-Arbitru pronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Dan l-appell jaqra hekk:-

"*Jiena nahdem wahdi u mit-12 ta' Awissu ta' din is-sena bdejt nahdem mit-tnejn sal-gimgha 4 sighat u sibt maghluq, biex nimxi fuq id-direttiva li qaluli naghmel, ghaldaqstant jien qieghed niktiblek biex il-part-time irridu l-ewwel ghax ma tistax tbiegh in-negozju zghir tieghi f'erba u ghoxrin siegha, u t-tieni bhalma ohrajn ghamlu qabli ma*

*kompanju u mhux biex naghmel flus, sa kemm jien inkun kif qaluli naghmel naqla Lm48 fil-gimgha, u mhux bhalma kont nahdem qabel 10 sighat kuljum*".

Decizjoni appellata datata 29 ta' Settembru 2000: "*With reference to your claim for a RETIREMENT PENSION dated 20/06/2000 I have to inform you that you are not entitled to this pension because the Director is not satisfied that your income from your part-time empolyment is not to exceed the national Minimum Wage.*"

Risposta tad-Direttur:-

"*B'referenza ghall-verbal datata 4 ta' Dicembru 2000 fejn id-Direttur intalab iressaq il-provi tieghu hu jissottometti li:-*

*(a) Hu l-appellant li ddikjara li mhux behsiebu jaqla 'l fuq mill-paga Minima Nazzjonali biss dan naqas milli jipproduci d-dokumenti necessarji biex b'hekk id-Dipartiment ikun jista' jevalwa l-posizzjoni tal-appellant vis-à-vis t-talba tieghu ghall-pensjoni ta' irtirat. L-appellant huwa ghalhekk mitlub li jipprezenta:*

*(i) kopji ta' rcevuti mahruga minnu matul is-snin 1997, 1998 u 1999.*
*(ii) Trading & Profit & Loss Accounts li jkopru l-istess snin. Il-fotokopji li d-dipartiment ghandu f'idejh m'humiex legibbli.*
*(iii) L-ismijiet ta' dawk il-persuni jew kumpaniji li jistghu jitqiesu bhala l-kbar in kwantu ta' xoghol provdut lilhom b'mod regolari mill-appellant.*

(b) *Sakemm id-dokumenti mitluba jibqghu nieqsa d-Direttur ma jista' jressaq l-ebda prova hlief illi jghid li, irrispettivament minn kemm il-siegha l-appellant behsiebu jahdem fil-gimgha, ma jsib l-ebda raguni ghala d-dhul annwali tal-appellant ghandu jaqa' drastikament minn medja ta' Lm6324 fis-sena (1997, 1998,1999) ghal wahda ta' Lm2525 (Paga Minima Nazzjonali bir-rata ta' Lm48.38 fil-gimgha).*"

Ittra tal-appellant tas-17 ta' Jananr 2001:-

"*Thank you for your letter dated 18th December 2000, marked UMP 556 enclosing the copy of a note of reply by the Director of Social Security.*

*In this note the Department made it clear that it required further information as better laid down in paragraph (a) of its note. In this respect I have pleasure in enclosing herewith.*

*(i) a computerized list of the receipts for the years 1997, 1998 and 1999,*
*(ii) fresh copies of the Trading and Profit & Loss A/C for the same years,*
*(iii) a list of individuals and/or companies considered who were considered as good clients by the undersigned.*

*Furthermore, I should like to add that I have reduced my working week by well over 50% with the consequential resultant financial decrease in income, and refused to accept work from my past clients, which were among my main income earners, in conformity with the Departments' accepted rule, that of not earning more than the minimum wage during a calendar year.*

*I trust that the above will meet with your approval and look forward to a favorable outcome to the matter. The position as of now is substantially less income and no pension receipts"*.

Fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2002 l-appellantipprezenta l-profit & loss account ghas-sena mill-11 ta' Awissu 2000 sal-10 ta' Awissu 2001 minn fejn jirrizulta li d-dhul tal-appellant kien ta' Lm2383.16.

Nota ta' sottomissjonijiet tad-Direttur tad-9 ta' Novembru 2001:-

"*B'referenza ghall-verbal tal-Arbitru datat 25/6/01 u l-prezentazzjoni minn naha tal-appellant tal-Profit & Loss*

*Account waqt is-seduta li nzammet fis-17/09/01 id-Direttur jiddikjara li:-*

*Jinnota li l-Proft & Loss Account ma jirrizultax illi huwa audited u ghalhekk iqisu bhala tentattiv imfassal jew kalkulat biex jiggustifika dikjarazzjoni minn naha tal-appellant li dan mhux ser jaqla' jew ma qalghax aktar mill-Paga Minima Nazzjonali matul il-perjodu 11/8/2000 – 10/8/2001.*

*Ghalhekk id-direttur jibqa' mhux sodisfatt li l-qligh tal-appellant sejjer ikun inqas mill-Paga Minima Nazzjonali li fil-prezent hi ta' Lm2593 fis-sena u dan fid-dawl tat-tlett prospetti (Dok A, B u C) annessi li juru l-purchase orders ghas-snin 1997, 1998 u 1999. Id-dettalji li jidhru johorgu minn dak li gie sottomess mill-appellant stess.*

*Id-Direttur jinnota li:-*

*Rigward dok. A: filwaqt li t-total ta' purchase order (133) ghas-sena 1997 kien ta' Lm6733, wara li jitnaqqsu l-ispejjez ta' Lm1038, id-dhul dikjarat bhala earned income ghall-finijiet ta' taxxa kien ta' Lm6208 kif jirrizulta mill-informazzjoni mahruga mid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni (Dok. D) diskrepanza ta' Lm525.*

*Rigward dok.B: filwaqt li t-total ta' purchase orders (124) ghas-sena 1998 kien ta' Lm9218, wara li jitnaqqsu l-ispejjez ta' Lm721, id-dhul dikjarat bhala earned income ghall-finijiet ta' taxxa kien ta' Lm6077 kif jirrizulta mill-Income Tax Return (dok. E) anness ghas-sena bazi tal-1998, diskrepanza ta' Lm3141.27.*

*Rigward dok. C: filwaqt li t-total ta' purchase orders (71) ghas-sena 1999 kien ta' Lm4942, wara li jitnaqqsu l-ispejjez ta' Lm536, id-dhul dikjarat bhala earned income ghall-finijiet ta' taxxa kien ta' Lm6689 kif jirrizulta mill-Income Tax Return (dok F) anness ghas-sena bazi tal-1999, diskrepanza ta' Lm2282.*

*Filwaqt li fid-dawl ta' dan kollu d-Direttur qed jikkwerela l-kredibilita' tal-Profit & Loss Account sottomess mill-*

*appellant u minghajr pregudizzju ta' dak kollu f'din in-nota, l-istess Direttur jitlob li dan l-appell jigi sospiz sakemm tinqata' kawza simili li thalliet ghad-decizjoni mill-Qorti ta' l-Appell*".

Mill-kalkoli maghmula mid-Direttur jirrizulta li hemm diskrepanza netta bejn id-dhul dikjarat mill-appellant lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni u d-dhul kif jirrizulta mid-dokumenti pprezentati mill-istess appellant ghall-finijiet ta' dan l-appell.  Fl-affidavit tieghu l-appellant ma ta ebda spjegazzjoni ghal din id-diskrepanza nonostante illi gie notifikat bid-dokumenti pprezentati mid-Direttur li juru tali diskrepanza.  Fin-nuqqas ta' tali spjegazzjoni il-veracita' ta' dak dikjarat mill-appellant hija messa in dubju serju.  Fil-fehma tal-Arbitru il-konflitt fil-provi imressqa mill-appellant huma irrikonciljabbli.  Mid-dokumenti pprezentati mill-appellant f'dawn il-proceduri jirrizulta li matul is-sena 1997 il-profitt tieghu kien ta' Lm6733 filwaqt li skond ir-return tat-taxxa dan kien Lm6208.  Ghas-sena 1998 il-prospett minnu pprezentat f'dan l-appell juri profitt ta' Lm9218.00 mentri fir-return tat-taxxa ghal dik is-sena iddikjara Lm6077.00.  L-istess jinghad ghas-sena 1999, f'dan l-appell iddikjara profitt ta' Lm4942 mentri fir-return tat-taxxa ddikjara Lm6689.00.  Jidher car li dan ma kienx sempliciment lapsus.

Rinfaccjat b'tali konflitt irrikonciljabbli u inspjegabbli l-Arbitru ma jista' jaghti l-ebda affidament l-affidavit li pprezenta l-appellant u x-xhud minnu prodott.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru jichad l-appell."

Minn din id-decizjoni ta' l-Arbitru appella l-applikant Aldo Micallef bl-aggravju illi l-Arbitru zbalja meta accetta l-argoment tad-Direttur dwar l-Accounts minnu provduti.  Huwa jsostni in fatti illi d-decizjoni ma tirrispekkjax il-vera sitwazzjoni tad-dhul tieghu.  Konsegwentement dak ritenut mid-Direttur ma hu xejn hlief asserzjoni gratuwita, aktar u aktar meta kellu kull mezz biex jivverifika l-veracita` ta' dak stabbilit minnu bhala d-dhul tieghu.

B'nota introdotta fl-4 ta' Marzu, 2002 (fol 82) l-appellant ceda l-meritu tal-appell ghar-raguni minnu hemm moghtija, pero` zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez. Li jfisser li din il-Qorti jkollha, anke ghall-fini tat-talba kif issa limitata, tezamina fl-aspetti kollha tieghu l-aggravju interpost.

Jirrizulta li l-appellanti kien ressaq talba tad-Direttur ghas-Sigurta' Socjali ghad-dritt ghal pensjoni ghal min jaghlaq l-eta` ta' l-irtirar. Dan fit-termini illi bhala self-employed kien irreduca s-sighat ta' hidma tieghu u hekk ukoll id-dhul tieghu. L-Artikolu relattiv tal-ligi hu dak 44 tal-Kap 318 gjaladarba kien proprju dan li jiddetermina min kellu dritt ghall-pensjoni ghal min jirtira skond l-Att dwar is-Sigurta' Socjali.

Aktar rilevanti pero ghal kaz in disamina hu l-Artikolu 45 li jispecifika li "*persuna taht l-eta` ta' hamsa u sittin (65) sena ghandha tkun skwalifikata milli tircievi pensjoni taht din it-Taqsima matul kull perijodu li fih tkun qed tahdem bi qliegh jew tonoqs li tipprova ghas-sodisfazzjon tad-Direttur illi l-qliegh taghha minn dak ix-xoghol bi qliegh ma jkunx izjed minn medja fil-gimgha li tkun daqs il-Paga Minima Nazzjonali … …*".

Mill-ezami taz-zewg disposizzjonijiet – Art 44 u Art 45 – tal-Att huwa logiku illi l-ligi qed tipprospetta illi biex l-applikant jikkwalifika ghall-jedd ghal pensjoni huwa jehtieglu jipprova li l-posizzjoni tieghu hi regolarizzata <u>fid-data ta' meta jirtira</u> kemm ghal dawk li huma kontribuzzjonijiet (Art 44) kemm li l-qligh tieghu minn xi xoghol ma jkunx jeccedi dak stabbilit bhala indikatur fl-Art 45 surreferit. Il-kwistjoni hawn tirrivolvi dwar dan l-ahhar aspett, u l-oneru tal-prova kien jinkombi fuq l-appellant.

Intqal fid-decizjoni fl-ismijiet "**<u>George Zammit –vs-Direttur tas-Sigurta' Socjali</u>**", Appell 27 ta' April 2001, illi "*si tratta ta' prova li hu (l-appellant) kellu jgib ghas-sodisfazzjoni tad-Direttur li naturalment kellu jkun l-ewwel arbitru li japprezza dik il-prova u jiddeciedi dwarha. Il-posizzjoni allura korretta kellha tkun illi jekk l-applikant effettivament jipproduci l-prova minnu rikjesta sal-grad li kellha ragjonevolment tikkonvinci lil min kellu jiddeciedi,*

*id-Direttur ma kellu l-ebda diskrezzjoni li jichad it-talba ghall-pensjoni*."

Fi kliem iehor dan kollu jfisser illi "*sakemm id-Direttur japplika l-ligi b'mod ekwu, ragonevoli u uniformi, fil-parametri fuqu imposti bil-ligi ma kienx lecitu li l-Arbitru u lanqas din il-Qorti tissindika l-grad ta' prova li kienet mehtiega biex tissodisfa lid-Direttur li tali prova kienet lahqet il-grad rikjest mil-ligi*." ("**Charles Bonaci –vs- Direttur tas-Sigurta' Socjali**", Appell, 9 ta' April, 2001).

Minn ezami tal-fatti f'dan il-kaz hu car illi l-appellant naqas li jgib prova talment konvincenti illi jista' jinghad b'certezza morali illi l-Arbitru u d-Direttur qablu, zbaljaw meta iddecidew kif iddecidew. Anke issa fil-korp ta' l-appell tieghu ma gharafx jirribatti l-osservazzjonijiet maghmula mid-Direttur (fol 18) dwar il-Profit & Loss Accounts prezentati minnu stess u li kienu juru b'mod evidenti d-diskrepanzi rilevati bejn it-total tal-purchase orders u d-dhul dikjarat ghall-finijiet tal-Income Tax. Bir-ragun ghalhekk l-Arbitru ddeduca illi "*fin-nuqqas ta' tali spjegazzjoni l-veracita` ta' dak dikjarat mill-appellant hija messa in dubju serju*".

Meta wiehed japplika l-ligi ghall-kaz in ispecie, ossija ghar-rizultanzi tieghu, ma jistax jitqies li l-istharrig li ghamel id-Direttur kien, skond kliem l-appellanti, merament "frott ta' spekulazzjoni" jew "asserzjoni ghal kollox gratuwita". Ghall-kuntrarju kien ezercizzju serju, meqjus u ragjonevoli bazat fuq l-istess provi dokumentarji esebiti mill-appellant innifsu.

Ma jidherx li d-Direttur ipprova jivvantaggja ruhu mill-ezercizzju ta' poter vestit fih mil-ligi. Anzi jista' jinghad bil-maqlub. Il-fatti juru illi kien l-appellanti innifsu li pprova japprofitta ruhu biex jiehu u jircevi dak li bi dritt u spirtu tal-ligi dwar is-sigurta' socjali ma kienx, fl-attwali cirkostanzi, intitolat ghal beneficcju pretiz minnhom.

Tenut rigward tas-suespost din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba l-evalwazzjoni li saret mid-Direttur jew

id-decizjoni ta' l-Arbitru bazata fuq din l-istess evalwazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi l-Qorti ma tarax li ngiebet prova assodanti li setghet iggeghla tiddipartixxi mill-konkluzjoni tal-Arbitru fuq il-meritu tal-kaz, anke jekk issa dan jinsab cedut.

Fic-cirkostanzi filwaqt li tikkonferma d-decizjoni ghall-finijiet biss tal-kap ta' l-ispejjez, takkolla l-istess spejjez fuq l-appellant.

--------------------------------TMIEM--------------------------------